# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 832/00mm**

**Intercomp Limited**

**vs**

**Opcom Co Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm698.14), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' April, 2000, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-21 ta' Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.